A.L. 72 ta' l-1990

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-"INCOME" (KAP. 123)

Regoli ta' l-1990 dwar Tneħħija ta' Segretezza (Dettalji ta' "Income" u Attiv Kapitali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 94 u bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", u għall-finijiet tas-subartikoli (4) u (4A) ta' l-imsemmi artikolu 4, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:—

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1990 dwar Tneħħija ta' Segretezza (Dettalji ta' *Income* u Attiv Kapitali). Titolu.

2. Id-dettalji ta' *income* u attiv kapitali li għalihom id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar segretezza ma japplikawx skond is-subartikoli (4) u (4A) ta' l-imsemmi artikolu 4 huma dawk li jinsabu fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regoli. Dettalji preskritti.

3. Id-dikjarazzjoni li għandha tingħata skond il-paragrafu (a) u kull tagħrif li għandu jingħata skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4A) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ikunu fil-forma murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regoli. Forma preskritta għal dikjarazzjoni u tagħrif.

4. Ir-regoli 2 u 3 ta' dawn ir-regoli japplikaw għal dettalji ta' *income* u attiv kapitali li jkunu jinsabu f'xi prospett ippreżentat skond l-artikoli 7, 43 u 44 ta' l-Att skond il-każ. Applikabilità.

5. Ir-Regoli ta' l-1986 dwar Tneħħija ta' Segretezza (Dettalji ta' *Income* u Attiv Kapitali), huma b'dan revokati. Jirrevoka l-A.L. 8 ta' l-1986.

L-EWWEL SKEDA

(Regola 2)

Taqsima I — Dettalji ta' 'Income' dikjarati għall-finijiet ta' l-artikolu 43 ta' l-Att

(A) *Professjoni*: Qligħ Gross, Spejjeż Mitluba, Profitti/Telf Netti
(B) *Vokazzjoni*: Qligħ Gross, Spejjeż Mitluba, Profitti /Telf Netti
(Ċ) *Negozju*: Profitt Gross, Spejjeż Mitluba, Profitti/Telf Netti
(D) *Sengħa*: Dħul Gross, Spejjeż Mitluba, Profitti/Telf Netti
(E) *Impieg*: Salarju Gross (magħduda Sahra, *Allowances*, eċċ.)
(F) *Pensjoni*: Pensjoni Grossa minn Okkupazzjoni u mis-Sigurtà Soċjali
(Ġ) *Dividendi*: Dividendi Grossi Lokali u Barranin
(H) *Mgħaxijiet Bankarji/Ohrajn*: Mgħaxijiet Grossi Lokali u Barranin
(I) *Kerjiet*: Kerjiet Grossi u Netti
(J) *Onorarji/'Allowances' ta' M.P.*: Ammont Gross
(K) *'Income' Ieħor*: Ammont Gross (magħduda Kummissjonijiet, *Income* tal-Mara, eċċ.)

Taqsima II — Dettalji ta' Attiv Kapitali dikjarati għall-finijiet ta' l-artikolu 44 ta' l-Att

(A) *Proprjetà Immobbli*: Urbana u Rurali
(B) *Investimenti*: Lokali u Barranin
(Ċ) *Azzjonijiet f'Soċjetà*: Numru, Valur Nominali u l-Valur Nominali Totali ta' Azzjonijiet Lokali u Barranin
(D) *Attiv ta' Negozju*: Estratt mill-*Balance Sheet*
Jew Il-Kapital imħallas u Riservi
Jew Il-Kapital impjegat fin-Negozju
(E) *Attiv Ieħor*: Polzi ta' Assigurazzjoni, Vitalizji u kull Attiv ieħor li ma jaqax taħt xi wieħed minn dawk ta' hawn fuq.

Taqsima III — Dettalji ta' Attiv Kapitali dikjarati għall-finijiet ta' l-artikolu 7(6) ta' l-Att

IT-TIENI SKEDA

(Regola 3)

Taqsima I — Dettalji ta' 'Income'

(A) *Professjoni*

Qliegħ Gross	Lm
Spejjeż mitluba	Lm
Profitt/Telf Nett (1)	Lm

(B) *Vokazzjoni*

Qliegħ Gross	Lm
Spejjeż mitluba	Lm
Profitt/Telf Nett (1)	Lm

(Ċ) *Negozju* (2)

	(i)	(ii)	(iii)
Profitt Gross	Lm	Lm	Lm
Spejjeż mitluba	Lm	Lm	Lm
Profitt/Telf Nett (1)	Lm	Lm	Lm

(D) *Sengħa* (2)

	(i)	(ii)	(iii)
Dħul Gross	Lm	Lm	Lm
Spejjeż mitluba	Lm	Lm	Lm
Profitt/Telf Nett (1)	Lm	Lm	Lm

(E) *Impieg* (3)

Salarju Gross (magħduda Sahra, *Allowances*, eċċ.)	Lm

(F) *Pensjoni*

Pensjoni Grossa minn Okkupazzjoni	Lm
Pensjoni Grossa mis-Sigurtà Soċjali	Lm

(Ġ) *Dividendi*

Dividendi Grossi Lokali	Lm
Dividendi Grossi Barranin	Lm

(H) *Mgħaxijiet Bankarji/Oħrajn*

Mgħaxijiet Grossi Lokali	Lm
Mgħaxijiet Grossi Barranin	Lm

(I) *Kerjiet* (4)

Kerjiet Grossi	Lm
Kerjiet Netti	Lm

(J) *Onorarji/'Allowances' ta' M.P.*

Ammont Gross	*Lm*

(K) 'Income' Ieħor

Ammont Gross (magħduda Kummissjonijiet. *Income* tal-Mara, eċċ.)	Lm

---

(1) Wara li jitqiesu t-telf u l-*allowances* kapitali kollha miġjuba 'l quddiem.
(2) Kolonni separati juru riżultati għal linji differenti ta' negozju/sengħa.
(3) Għejjun differenti ta' mpieg *whole-time* u *part-time* qegħdin inklużi fis-salarju gross.
(4) Id-differenza bejn kerjiet grossi u kerjiet netti tirrappreżenta ċnus, piżijiet u mgħaxijiet fuq self.

Taqsima II — Dettalji ta' Attiv Kapitali

(A) *Proprjetà Immobbli*(1)

Urbana
Rurali

(B) *Investimenti* (2)

Lokali
Barranin

(Ċ) *Azzjonijiet f'Soċjetà*

	(i)	(ii)	(iii)
Lokali:			
Numru ta' azzjonijiet (3)			
Valur nominali ta' l-azzjonijiet (3)			
Valur nominali totali ta' l-azzjonijiet (4)			

	(iv)	(v)	(vi)
Numru ta' azzjonijiet (3)			
Valur nominali ta' l-azzjonijiet (3)			
Valur nominali totali ta' l-azzjonijiet (4)			

	(i)	(ii)	(iii)
Barranin:			
Numru ta' azzjonijiet (3)			
Valur nominali ta' l-azzjonijiet (3)			
Valur nominali totali ta' l-azzjonijiet (4)			

(D) *Attiv ta' Negozju*

Estratt mill-*Balance Sheet*
Jew Il-Kapital imħallas u Riżervi
Jew Il-Kapital impjegat fin-Negozju

(E) *Attiv Ieħor*

(i) Polzi ta' assigurazzjoni
(ii) Vitalizji
(iii) Kull attiv ieħor li ma jaqax taħt xi wieħed minn dawk ta' hawn fuq.

---

(1) Urbana — Indirizz u għal x'hiex tintuża l-proprjetà.
Rurali — Deskrizzjoni biex tiġi identifikata sewwa billi jingħata l-isem tal-lokalità u jingħataw il-qisien.
(2) Tinkludi self lil soċjetajiet minn azzjonisti/diretturi.
(3) Il-kolonni juru n-numru ta' l-azzjonijiet u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet f'soċjetajiet differenti. Klassijiet differenti ta' azzjonijiet fl-istess soċjetà huma miġburin flimkien.
(4) Il-kolonni juru l-valur nominali totali ta' azzjonijiet fis-soċjetajiet differenti li tagħhom it-*taxpayer* ikun soċju.

Taqsima III — Dettalji ta' Attiv-Kapitali dikjarat għall-finijiet ta' l-artikolu 7(6)

Deskrizzjoni ta' l-Attiv Kapitali	Prezz ta' l-Akkwist jew l-Ammont jew il-Valur Attwali li kien jeżisti fil-31 ta' Diċembru, 1971 (liema minnhom ikun lanqas)
a)	a)
b)	b)
ċ)	ċ)
d)	d)
e)	e)
f)	f)
ġ)	ġ)